MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 587/2006

**Malta Shipyards Limited**

**Vs**

**Sea Malta Company Limited**

**Il-Qorti**

Rat l-**atti tar-rikors** li permezz tieghu is-socjeta' rikorrenti ssottomettiet :

1. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, seba' mija u tletin lira Maltin (Lm23,730) valur ta' fornituri, xoghlijiet,

riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija lis-socjeta' konvenuta fuq il-vapur Maltese Falcon fuq inkrigu tal-istess socjeta' konvenuta kif jidhru dettaljati fl-*invoice* annessa u markata Dokument A.

2. Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta ntalbet thallas l-ammont dovut hija baqghet inadempjenti..

3. Illi l-istess socjeta' konvenuta ghaddejja minn process ta' stralc.

4. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra-talba ghall-hlas tal-ammont imsemmi.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti joghgobha:

i tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal- artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

ii konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, seba' mija u tletin lira (Lm23,730) valur ta' fornituri, xoghlijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija fuq il-vapur Maltese Falcon kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi r- rikors gie debitament notifikat lis-socjeta' intimata li naqset li tidher u tipprezenta risposta u hekk baqghet kontumaci;

Semghet lil avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Bili mill-provi mhux kontadetti t-talba kif mitluba tirizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' intimata tiddedici billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors u tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf seba' mija u tletin lira Maltin (Lm23,730), bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta' intimata..

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------